# RIFORMA FIL-PENSJONIJIET

## IBBAZATA FUQ IL-PRINCIPJU:

*"Għin lilek innifsek, jekk tiflaħ"*

**u**

*"Għin lill-Istat, skond kemm tiflaħ"*

**biex**

*"L-Istat jgħin lil min ma jiflaħx"*

Reazzjoni u kontroproposti tal-GWU dwar il-*white paper* maħruġa mill-Gvern f'Novembru 2004 intitolata: *Pensjonijiet; adekwati u sostenibbli*

**April 2005**

# Kontenut:

**Sommarju Eżekuttiv 2**

**1. Introduzzjoni: minn fejn irridu nitilqu u fejn irridu naslu? 3**
**1.1 X'inhu r-rwol tal-Gvern? 3**
**1.2 Fejn irridu naslu: x'għandu jkun l-għan tagħna? 4**

**2. Il-Pajjiż għandu problema? 5**
**2.1 Popolazzjoni li qiegħdha dejjem tixjieħ 5**
**2.2 Rata tat-twelid li qed tonqos 5**
**2.3 Spiża dejjem tikber 5**

**3. Il-poplu jiflaħ għar-riforma? 7**
**3.1 Tfaddil 7**
**3.2 Dejn fuq djar 7**
**3.3 Faqar 7**

**4. Ir-Riforma fil-pensjonijiet: X'passi rridu nieħdu? 10**
**4.1 Riforma gradwali u ħolistika 10**
**4.2 L-Ewwel Pass: Żieda sostanzjali fil-Prodott Gross Domestiku 10**
**4.3 It-Tieni Pass: Żieda fir-rata ta' tfaddil (*Savings Ratio*) 12**
**4.4 It-Tielet Pass : Bidla radikali fil-parteċipazzjoni fix-xogħol 12**
**4.5 Ir-Raba` Pass: Neliminaw l-abbuż 14**
**4.6 Il-Hames Pass: L-eta` ta' l-irtirar 17**
**4.7 Is-Sitt pass: Is-sistema tal-pensjonijiet 18**
**4.8 Is-Seba` pass: Kont 'ring fenced' tal-pensjonijiet 23**
**4.9 It-Tmien pass: Pensjoni li tirrifletti l-livell tas-salarji u l-inflazzjoni 24**
**4.10 Id-Disa` pass: Tneħħija tas-'ceiling' 24**
**4.11 L-Għaxar pass: Akkumulazzjoni ta' 35 sena 25**

**5. Konklużjoni 26**

**Referenzi 26**

## Sommarju Eżekuttiv

### Ir-riforma fil-pensjonijiet hija meħtieġa fuq seba` binarji ewlenin:

L-ewwel nett, **r-riforma trid tkun marbuta ma' numru ta' riformi f'oqsma oħra ta' *policy*** bħalma huma l-andament ta' l-ekonomija nġenerali, ż-żieda fil-qiegħ, tfaddil ras għal ras u żieda fil-parteċipazzjoni fis-Suq tax-xogħol.

It-tieni, **kull riforma li ssir ma għandhiex tpoġġi fl-istess keffa lil kulħadd,** l-aktar meta l-qiegħ kull sena, ras għal ras huwa sproporzjonat u aktar importanti rridu nikkunsidraw sitwazzjonijiet soċjali differenti bħal ma huma n-numru kbir ta' ċittadini li qegħdin f'riskju ta' faqar u l-fenomenu l-ġdid tas-*single mothers*.

It-tielet, ir-riforma trid **tattakka l-problema tal-faqar** li teżisti f'Malta.

Ir-raba`, r-riforma trid **tiżgura affordabilita` u stabilita ekonomika** kemm għaċ-ċittadini ndividwali, kif ukoll għall-pajjiż inġenerali.

Il-ħames, r-riforma trid tkun **ġusta** u allura jrid jkun aċċertat, bil-fatti u mhux bil-paroli, li l-**abbuż** jigi ndirizzat b'mod viġilanti b'mekkaniżmi stretti.

Is-sitta, il-Gvern jrid jilħaq numru ta' **għanijiet** bħalma huma:

- żieda fil-GDP
- żieda fir-rata ta' nies jaħdmu

li mingħajrom kull riforma tkun inutli.

Is-seba`, r-riforma jenħtieg li tkun mibnija fuq **konsensus nazzjonali** minflok fuq strateġija ta' impożizzjoni.

# 1. Introduzzjoni: minn fejn irridu nitilqu u fejn irridu naslu?

F'kull deċiżjoni politika jew pjan ta' azzjoni, il-punt tat-tluq u l-għan li jkun irid jintlaħaq huma essenzjali. Mingħajr dan il-kejl, il-pjan ta' azzjoni jkun diġa difettuż mill-bidu tiegħu u allura ma jwassalna ghal imkien. Fir-Riforma tal-pensjonijiet dan li rridu nagħmlu.

## 1.1 X'inhu r-rwol tal-Gvern?

Qabel it-tmiem tat-tieni gwerra dinjija r-responsabilita` ta' ħafna gvernijiet madwar l-Ewropa u l-bqija tad-dinja kienet tikkonsisti biss f'li jipprovdu s-sigurta` għaċ-ċittadin komuni. Mal-medda taż-żmien is-saħħa demokratika taċ-ċittadini magħqudin flimkien tellgħu gvernijiet li firxu l-ħidma tagħhom għal waħda ferm iktar wiesa`. Gvernijiet xellugin ħolqu l-*welfare state*, ġabru minn xagħru l-fqir u qerdu l-poverta` assoluta filwaqt li naqqsu bil-kbir il-poverta` relattiva. Il-perm ta' dan kollu kienet 'l hekk magħrufa **'ġustizzja soċjali'** li tikkonsisti filli tiġbor il-flus minn min jiflaħ ħafna u tqassmu skond il-bżonnijiet differenti ta' ħafna ċittadini. Dan wassal sabiex ħadd ma jibqa` lura, frażi li tintuża` konvenjentament ta' spiss minn numru ta' politiċi.

Għaldaqstant il-*General Workers Union* (GWU) ma` tistax taqbel ma` riforma fil-pensjonijiet li tkun tfisser abdikazzjoni mill-Gvern fir-rwol tiegħu li jiżgura li kulħadd ikollu għixien diċenti.

Nfakkru li:

> Il-GWU temmen li huwa l-obbligu ta' l-istat li jiggarantixxi l-pensjoni u li din twassal biex l-anzjan ikun jista` jlaħħaq għall-għajxien tiegħu u mal-bżonnijiet l-oħra kollha li jinqalgħu fid-dar kif ukoll fil-kura ta` saħħtu (GWU, "Twemmin" 2001 p.56).

Għalkemm il-GWU taqbel li **kulħadd** għandu jerfa` parti mill-piż biex niżguraw pensjonijiet sostenibbli, b'danakollu s-sistema li ngħinu li min hu l-aktar batut trid tibqa` hemm u min ma jiflaħx għall-piż, bħalma huma dawk -il ħmistax fil-mija (15 %) li skond statistika tal-Gvern stess qegħdin jgħixu fil-faqar (NSO, 2004 p.1), għandhom jiġu mgħejjuna u salvagwardati.

## 1.2 Fejn irridu naslu: x'għandu jkun l-għan tagħna?

Huwa fl-għan ta' kulħadd li s-sistema tal-pensjonijiet tkun sostenibbli. L-għan tagħna hu li f'kull riforma li ssir, l-pajjiż jibqa` b'saħħtu biżżejjed sabiex jiżgura li l-anzjani futuri ikollhom għixien diċenti wara tant kontribuzzjonijiet tul ħajjithom. **Aħna rridu niżguraw li l-prinċipji tas-solidarjeta` u ġustizzja soċjali jibqgħu hemm bla mittiefsa.** Għalhekk il-frażi 'tas-*self-help*' li tidher fil-*white paper* (2004 p.5) iġġegħlna nitħassbu għaliex għalkemm naqblu li l-ħaddiem għandu jgħin lilu nnifsu sabiex jassigura li fil-futur ikollu pensjoni, lanqas ma rridu *laissez faire* fis-sigurta soċjali għaliex:

> L-esperjenza turi li meta l-istat jibda jirtira mir-responsabilita` tiegħu li jiggarantixxi l-pensjoni li ssostni livell ta' għixien diċenti dan jirriżulta fl-istat stess ikompli jirtira lura u jserraħ dejjem aktar fuq is-settur privat li l-għan leġittimu tiegħu huwa l-qliegħ u mhux l-għixien diċenti taċ-ċittadini (GWU, "Twemmin" 2001 p.56).

Filwaqt li huwa tajjeb li nirresponsabilizzaw lil kulħadd, huwa ħazin jekk inrawwmu mentalita` individwalista li xxejjen ghal kollox l-idea ta` għajnuna lil batut u solidarjeta` ma min jiflaħ l-inqas.

## 2. Il-Pajjiż għandu problema?

Il-figuri demogarifiċi ppreżentati mill-Gvern juru li fil-futur se jkollna problema li b'xi mod jew ieħor irridu nsibu soluzzjoni għaliha.

### 2.1 Popolazzjoni li qiegħdha tixjieħ

Il-popolazzjoni qiegħdha tixjieħ gradwalment b'medja ta' 2 % kull ħames snin. Dan ifisser li sas-sena 2025 il-persuni li ħa jkollhom aktar minn 60 sena ħa jiżdiedu bi 8.7 % u sas-sena 2050 bi 13.2 %. Għaldaqstant, it-total ta' ċittadini anzjani, dipendenti fuq pensjoni, minn 18 % ħa jiżdied għal 31.2 % sas-sena 2050 (*white paper*, 2004 p.37).

### 2.2 Rata ta' twelid li qed tonqos

Il-problema tkompli taggrava ruħha għaliex fl-istess waqt r-rata ta' twelid qiegħdha dejjem tonqos aktar ma jgħaddi ż-żmien. Infatti filwaqt li fl-1975 kienu qegħdin jitwieldu 19 –il tarbija għal kull 1,000 persuna, llum qegħdin nesperjenzaw twelid ta' 10.03 trabi għal kull 1,000 persuna. Dan ifisser li l-ħaddiema li jħallsu l-bolla qiegħed, kull ma jmur, qiegħed dejjem jonqos (*white paper*, 2004 p.38).

### 2.3 Spiża dejjem tikber

Fl-istess waqt l-ispiża tal-Gvern ħa titla minn Lm 167 miljun fis-sena 2003 għal Lm 296 miljun fis-sena 2010, Lm 461 miljun fis-sena 2015, Lm 689 miljun fis-sena 2020 u Lm 992 miljun fis-sena 2025[1] (Camilleri, 1998 p.24).

**Madankollu rridu nagħmluha ċara li din l-analiżi hija msejsa fuq il-premessa li l-figuri tal-Gvern huma tajbin u korretti.**

[1] Dawn il-figuri iridu jiġu analizzati bil-premessa li l-valur tal-flus kif nafuh llum hu differenti minn dak li ħa jkun 20 jew 40 sena oħra.

Qeghdin nagħmlu din l-premessa għaliex rapporti differenti maħruġin mill-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika u mill-Bank Ċentrali juru figuri konflinġenti. Fil-fatt filwaqt li l-NSO jirrapurtaw li fl-2020, 25.7 % tal-popolazzjoni Maltija ħa jkollohom aktar minn 60 sena (NSO, 2004) il-Bank Ċentrali jestimaw figura ta' 24.7 %, li tfisser perċentwal inqas (Central Bank, 1997 p.69).

Ukoll, filwaqt li l-Bank Ċentrali jagħti stima ta' 25.3 % fl-2040, l-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika, ikkwotat fil-*white paper*, bassar figura ta' 27.5 % fl-2035 u 31.2 % fl-2050.

Skond il-Bank Centrali sa l-2060 (Tabella Numru 1) il-figura ħa tgħola sa 25.6 % li hija 5.6 % inqas mill-figura estimata fil-*white paper* għas-sena 2050 (Tabella Numru 2). Dan ifisser li kieku kellna noqgħodu fuq il-Bank Ċentrali il-problema hi bil-wisq inqas gravi minn dik ippreżentata fil-*white paper*.

| **Proġettazzjoni Demografika tal-Bank Ċentrali (1997)** | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **SENA** | **1998** | **2000** | **2020** | **2040** | **2060** | **2090** | **2120** |
| **Popolazzjoni ta' nies b'aktar minn 60 sena (eluf)** | 63.1 | 65.0 | 102.7 | 104.9 | 103.8 | 100.7 | 96.7 |
| **% tal-popolazzjoni** | 16.7 | 17.0 | 24.7 | 25.3 | 25.6 | 25.8 | 25.9 |

***Tabella Nru 1: Sors: Rapport Annwali tal-Bank Ċentrali ta' Malta, 1997 p. 69.***

| **Proġettazzjoni Demografika tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika ikkwotata fil-*white paper* (2004)** | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **SENA** | **2004** | **2010** | **2015** | **2020** | **2025** | **2035** | **2050** |
| **% tal-popolazzjoni (60 sena +)** | 18.5 | 21.6 | 23.6 | 25.7 | 26.7 | 27.5 | 31.2 |

***Tabella Nru 2: Sors*: *White Paper, 2004 p. 37.***

## 3. Il-Poplu jiflaħ għar-riforma?

Ikun żball oħxon jekk nanalizzaw pjan t'azzjoni f'*vacuum.* Ikun żball kardinali wkoll jekk nħarsu lejn problema minn naħa waħda. **Għalhekk fil-kwistjoni tal-pensjonijiet ma nistgħux nanalizzaw biss il-qagħda tal-Gvern imma rridu wkoll neżaminaw f'liema sitwazzjoni jinsab iċ-ċittadin komuni**, kif wara kollox ippruvat tagħmel din l-*white paper.*

### 3.1 Tfaddil

Tabella 6, paġna 49 tal-*white paper* turi b'mod ċar li dak li kienu qegħdin ifaddlu ċ-ċittadini fl-2002 huwa negliġibbli. Fil-fatt għal kull Lm 100 li kienu qegħdin jaqilgħu kienu qegħdin ifaddlu Lm 1.30c0 biss. Probabbli s-sitwazzjoni tat-tfaddil l-lum hija ħafna agħar għax minn sentejn 'l hawn t-taxxi komplew jiżdiedu u mhux jonqsu. Ta' min jinnota li s-*savings ratio* naqqset drastikament minn Lm 16.85c0 għal kull Lm 100 fl-1994 għal Lm 1.30c0 fl-2002.

### 3.2 Dejn fuq djar

Aktar minn hekk, tabella 7, paġna 50 turi li aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar ċ-ċittadin qiegħed jitgħabba b'*loans* fuq djar. Hija tat-tkexkix il-figura ta' Lm 1140 dejn, ras għal ras, fuq-id-djar.

### 3.3 Faqar

Il-figuri li ħarġu l-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika fid-9 ta' Ġunju 2003 huma wkoll inkwetanti. Fi studju li sar rigward il-faqar u l-problemi soċjali jirriżulta li ħmistax fil-mija (15 %) tal-popolazzjoni qegħdin jgħixu fil-faqar jew inkella qegħdin taħt il-*poverty line* (NSO, 2003 p.1). Fi studju separat li sar mill-istess entita fl-2004 intitolat: *Benchmarking Malta in Europe* juri li din r-rata ta' 15 % fil-faqar hija aktar minn bosta

pajjiżi Ewropej oħra bħall-Ungerija, Ġermanja, Olanda, Danimarka, Fillandja, Slovenja, Svezja, Awstrija, Belġju u Lussemburgu, kif turi Tabella numru 3.




***Tabella Nru. 3: Estratta mid-Dokument Benchmarking Malta in Europe, 2004 p.22, Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika.***

Instab ukoll li aktar minn nofs tas-*single parents* li għandhom tal-anqas wild dipendenti fuqhom qegħdin ukoll f'riskju ta' faqar (NSO, 2003 p.1).

Aktar minn dan kollu, l-agħar kejl qiegħed fl-inekwalita` fil-qliegħ li teżisti hawn Malta. Infatti fis-sena elfejn (2000) l-aktar ċittadini sinjuri qalgħu erba` darbiet u nofs aktar minn l-aktar ċittadini foqra (NSO, 2003 p.2). Dan juri li l-qabża bejn l-iktar 20 % ċittadini sinjuri u l-iktar 20 % ċittadini foqra ma naqsitx bil-Welfare State suppost b'saħħtu li għandha Malta.

Għall-kuntrarju il-qabża hija ħafna aktar minn ta' pajjiżi oħra Ewropej, kif turi Tabella Numru 4.




***Tabella Nru. 4: Estratta mid-Dokument Benchmarking Malta in Europe, 2004 p.43, Ufficcju Nazzjonali ta' l-Istatistika.***

Dawn il-figuri juru bl-aktar mod skjett li ċ-ċittadin mhux b'saħħtu biżżejjed sabiex jiflaħ iġorr il-piż ta' pensjoni privata jew '*occupational pension'*. Ikun inutli għall-Gvern jekk jipprova jagħmel riforma fis-sistema tal-pensjonijiet u fl-istess ħin ma jassigurax li r-rata ta' tfaddil tiżdied sostanzjalment.

Jekk s-*savings ratio* tibqa` ta' Lm 1.30c0 u l-poplu jintalab sabiex iħallas aktar kontrubuzzjonijiet, allura kemm il-*purchasing power* u l-livell ta' għixien tal-ħaddiema jkomplu jonqsu bil-biża` li jaqgħu fix-xibka tal-faqar relattiv. Sitwazzjoni bħal din żgur li mhix mixtieqa kemm mill-GWU għax ikun ifisser li l-ħaddiema jkomplu jaqgħu lura, kif ukoll mill-Gvern li ma` jridx li l-pajjiż jimxi lura ekonomikament u soċjalment.

Joħroġ ċar ukoll li l-isfida tar-riformi fil-pensjonijiet ma tistax tiġi ffaċċjata mingħajr ma nagħmlu differenzi bejn:

i. Sitwazzjonijiet soċjali differenti bħal ma huma s-*single parents* li qegħdin f'pożizzjoni finanzjarja ħafna aktar diffiċli minn ta' ġenituri oħrajn ('normali').
ii. Il-gruppi differenti ta' ċittadini li għal xi raġuni jew oħra l-qliegħ tagħhom ivarja drastikament bħalma hija ir-*ratio* ta' 4.5 bejn l-aktar 20 % ċittadini sinjuri u l-aktar 20 % ċittadini foqra.

# 4. Ir-Riforma fil-Pensjonijiet: X'passi rridu nieħdu?

## 4.1 Riforma gradwali u ħolistika

Minghajr dubju, l-figuri pppreżentati juru li filwaqt li l-problema demografika qiegħdha ssejħilna sabiex nieħdu xi kwalita` ta' azzjoni, il-problema finanzjarja, ekonomika u soċjali ta' persentaġġ qawwi ta` ċittadini għandha tagħmilna kawti fit-ton ta' kif rridu nfasslu u nimplimentaw r-riforma.

Għalhekk aħna naqblu li:

> ……l-implimentazzjoni tal-miżuri li għandhom jiġu adottati wara l-proċess ta' konsultazzjoni u diskussjoni għandha tkun **inkrimentali** biex jiġi żgurat li jkun hemm transizzjoni mingħajr taqlib mis-sistema preżenti għas-sistema ta' pensjonijiet godda (Gonzi, 2004 p.1).

Fl-istess nifs, nesiġu wkoll li r-riforma ma għandhiex tkun iffukata biss fuq l-*welfare gap*, imma l-Gvern għandu jindirizza b'mod viġilanti u determinat il-problemi l-oħrajn eżistenti li b'xi mod jew ieħor qegħdin jgħinu sabiex il-problema tal-pensjonijiet tiġi multiplikata.

## 4.2 L-ewwel pass: Żieda sostanzjali fil-Prodott Gross Domestiku.

L-ewwel ħolqa fil-katina tar-riforma fil-pensjonijiet għandha tkun li l-Gvern jieħu l-passi l-aktar neċessarji sabiex l-GDP jizdied. Għalkemm huwa fatt li l-ekonomija ta' kull pajjiż t'esperjenza waqtiet differenti u għalhekk f'ċertu perjodu ta` żmien partikulari tkun sejra ħażin, huwa fatt ukoll l-ekonomija Maltija mill-2001 ' l hawn qabdet t-triq tan-niżla, kif il-*white paper* tal-Gvern stess rrapurtat f'paġna 42.

| **Percentages at 1995 prices** | **2001** | **2002** | **2003** |
|---|---|---|---|
| ***Benchmarking Malta in Europe: NSO (2004), p .49*** | -1.2 % | 1.7 % | n.a. |
| ***Gross Domestic Product for 2003: NSO (2004), p .4*** | -1.1 % | 2.3 % | -1.7 % |

***Tabella Nru. 5: Estratta minn dokumenti tal-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika***

Tabella Numru 5 turi li l-Prodott Gross Domestiku mhux biss kiber b'mod negliġibbli imma wkoll saħansitra f'ċertu snin rajna tnaqqis minflok żieda. Ta' min jgħid hawnhekk li fl-2001 Malta kienet l-uniku pajjiż mill-Unjoni Ewropea li kellha tnaqqis fil-GDP (NSO: *Benchmarking Malta in Europe*, 2004 p.49).

Kif tistqarr il-*white paper* stess :

(i) Ikun inutli li nagħmlu riforma fil-pensjonijiet jekk il-GDP jibqa` kif inhu u ma jitlax allinqas fil-livelli ta' bejn 3 u 4 % (bil-prezzijiet ta' l-1995) jew bejn 6 u 7 % (bil-prezzijiet tal-lum).

(ii) Irridu nżommnu f'moħħna li s-sostenibilita` fil-pensjonijiet tiddependi ħafna mill-andament ekonomiku tal-pajjiż.

Għalhekk l-ewwel pass tal-Gvern kif diġa` msemmi hawn fuq hu li jiżgura titjib ekonomiku qawwi <u>b'ideat innovattivi fiskali</u> aktar milli impożizzjoni ta' aktar taxxi.

Jekk il-Gvern jirnexxielu f'dan ir-rigward dan għandu jgħin sabiex:

(i) Il-Gvern ikollu aktar dħul mill-bolla u mit-taxxi kemm diretti u indiretti.

(ii) Iċ-ċittadin ikollu żieda fil-qliegħ, li tista` tgħinu sabiex jibda` jfaddal aktar.

## 4.3 It-tieni pass: Żieda fir-Rata ta' Tfaddil (*Savings Ratio*)

Kemm il-darba l-Gvern beħsiebu jgħabbi liċ-ċittadin b'aktar kontribuzzjonijiet, irid jiżgura li ċ-ċittadin ikollu minn fejn joħroġ aktar kontribuzzjoni. Bi tfaddil ta' Lm 1.30c0 għal kull Lm 100, il-ħaddiem se jkollu minn fejn joħroġ aktar flus? Il-ħaddiem għandu minn fejn jinvesti f'pensjonijiet privati bħalma hu suġġerit fit-tielet saff?

Biex nkunu nistgħu nimxu lejn xi tip ta' pensjonijiet privati u aktar *'self-contribution'*, is-*savings ratio* ghallinqas trid tkun tlaħħaq il-livelli ta' **Lm 10** għal kull Lm 100 li jaqilgħu l-ħaddiema. Dan jista` jintlaħaq billi jkun żgurat li l-ġid kollu li jkun ġġenerat fil-pajjiż jkun mqassam tajjeb b'mod proporzjonali li jagħmel sens. Ir-*ratio* ta' 4.5 bejn l-aktar ċittadini sinjuri u foqra diġa` hija sproporzjonata ħafna. Hu wkoll inkwetanti li għalkemm ir-rata ta' tfaddil naqset, t-tfaddil ras għal ras żdied sostanzjalment minn biljun fl-1994 għal '1 fuq minn 2 biljuni fl-2003. Dan juri li l-akkumulazzjoni tal-flus qegħdin fi ftit bwiet, li jfisser li d-distribuzzjoni tal-ġid li jinħoloq trid titjieb sonstanzjalment.

## 4.4 It-tielet pass: Bidla Radikali fil-parteċipazzjoni fix-Xogħol

L-akbar problema fil-pensjonijiet hi li r-rata ta' nies jaħdmu, sa ħamsin sena oħra, maċ-ċittadini dipendenti fuq pensjoni, jiġifieri dawk li għandhom 61 sena '1 fuq ħa tkun ħafna anqas mir-rata tal-lum. Hi problema demografika li ħa niffaċċjaw għaliex il-popolazzjoni qiegħdha tixjieħ. B'rizultat ta' dan:

> Il-Bank Dinji jivvaluta li mhux se jkun hemm aktar minn 1.3 ħaddiem għal kull persuna li tirtira (White Paper, 2004 p.37).

Għalkemm mil-lat demografiku, ftit jista` jsir sabiex il-popolazzjoni ma tkomplix tixjieħ, mil-lat ta' parteċipazzjoni fix-xogħol, hemm lok għal titjib qawwi.

Kif turi Tabella Numru 6, Malta hi kważi l-inqas pajjiż fl-Ewropa li għandha rata ta' parteċipazzjoni fix-xogħol. Fl-2002 kellna rata baxxa ta' 54.5 %. Fl-2003, skond il-*white*

*paper* tal-Gvern, il-figura niżlet ghal 53.7 %. Il-parteċipazzjoni tan-nisa hija biss ta' 33.7 % (2004 p.41).




***Tabella Nru. 6: Estratta mid-Dokument: Benchmarking Malta in Europe, 2004 p.26, Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika.***

Għaldaqstant, huwa ċar li l-Gvern għandu fejn jimrah sabiex iżid bil-kbir r-rata ta' parteċipazzjoni l-aktar meta` wieħed iqis li l-mira ta' l-Unjoni Ewropea hija ta' 70 %.

Jekk tiżdied r-rata ta' parteċipazzjoni minn 53.7 % għal 70 %, ikun ifisser li r-*ratio* ta' ħaddiema għal pensjonanti tonqos u allura l-problema tal-*welfare gap* aktar tista` tiġi minimizzata, xi ħaga li l-*white paper* ma kkunsidratx. Żieda fir-rata ta' parteċipazzjoni tirrikjedi mhux biss bidla fil-kultura, imma ħidma qawwija mill-Gvern sabiex jinkoraġġixxi ħafna aktar nisa jaħdmu. Dan jista` jirrikjedi iktar investiment u għajnuna lil kumpaniji privati f'*child care centres* u sistemi ta` xogħol ibbażati fuq *flexitime*, *reduced hours* u *job sharing*, kollha ntiżi sabiex jagħmluha ħafna aktar faċli għan-nisa sabiex ikomplu jaħdmu. Il-miżura fiskali ta' *tax break* ta' sena li l-Gvern ħabbar fl-aħħar budget, għal nisa li jirritornaw fuq il-post tax-xogħol, għandha sservi ta' mudell għal iktar inċentivi biex inżidu r-rata ta' parteċipazzjoni.

Madankollu, il-Gvern irid jimrah aktar minn hekk. Ghalhekk aħna qed nipproponu li dawk l-ommijiet jew il-missirijiet li joħorgu fuq *parental* jew *maternity leave*, ikollhom bolla akkreditata allovolja ma jkunux qegħdin iħallsu kontribuzzjoni fil-mument.

F'dan il-kuntest huwa stramb u mill-aktar kontradittorju l-fatt li l-Gvern min-naħa għandu sfida sabiex iżid r-rata ta' parteċipazzjoni fix-xogħol, pero` mill-banda l-oħra qiegħed jirrikorri għal skemi ta' rtirar kmieni f'numru ta' kumpaniji tal-Gvern. Hekk ġara fit-Tarzna, *Malta Shipbuilding*, *Air Malta* u *Public Broadcasting Services*.

Dan wassal sabiex l-*labour supply* minflok żdiedet, ċkienet. Il-Bank Ċentrali fir-Rapport Annwali ta' l-2002 irraporta li l-*labour supply* ċkien bi 0.3 % f'sena waħda biss (mis-sena 2001 sas-sena 2002) u dan kien riżultat ta' l-iskemi ta' rtirar kmieni offruti mill-Gvern fit-Tarzna u fis-*Shipbuilding* (Central Bank, 2002 p. 25-26).

Għalhekk, mhix qed tagħmel sens l-*policy* tal-Gvern li jirrikorri għal skemi bħal dawn kull darba li jigi ffaċċjat bi problema, skond hu, ta' nies żejda w ineffiċċjenza. F'ċirkostanzi bħal dawn il-Gvern għandu jikkonsidra strateġija ta' diversifikazzjoni jew xi forma ta' operazzjonijiet alternattivi fl-azjendi li jkunu se jgħaddu minn ristrutturar u mhux joffri skemi ta' riżenji volontarji jew ta' rtirar kmieni. Skemi bħal dawn iħallu impatt negattiv mhux biss fis-suq tax-xogħol imma ukoll direttament jaffettwaw ħażin id-dħul mill-kontribuzzjonijiet għall-fondi tal-pensjonijiet.

## 4.5 <u>Ir-raba` pass:</u> Neliminaw l-abbuż

### 4.5.1. Ħaddiema għal rashom

Għandu jkun dikjarat bl-aktar mod ċar li:

> ……..l-każijiet ta' individwi li ddikjaraw dħul inqas matul il-ħajja tax-xogħol tagħhom biex imbagħad iddikjaraw dħul ferm għola viċin l-irtirar tagħhom biex igawdu minn pensjoni sħiħa (white paper, 2004 p.74).

ma jirrapreżentax il-ħaddiema li jaqilgħu l-paga u jkollhom jiddikjaraw kull centeżmu li rċevew mingħand min iħaddimhom, l-aktar meta l-paga tmur direttament f'kont bankarju.

Wasal iż-żmien li niddefinixxu min huma dawn it-tip ta' nies. Ma nistgħux niġġeneralizzaw imma bla dubju li wħud minn dawk li jaħdmu għal rashom għandhom il-fakulta' li jilgħabu bil-figuri meta jiġu biex jiddikjaraw id-dħul u l-qliegħ reali tagħhom.

Sitwazzjoni bħal din kien kiteb fuqha Dr Charles Pace li minn analiżi tal-figuri tal-1993 kien ħareġ li 77 % tas-*self employed* kienu qegħdin jiddikjaraw qliegħ ta' Lm 2,521. Dan kien ifisser li kienu qegħdin iħallsu bolla ta' Lm 6.40c0 kull ġimgħa u allura kien jintitolahom għal pensjoni ta' Lm 1,700 fis-sena. Pero', b'kumbinazzjoni, il-qliegħ tagħhom fl-aħħar snin tax-xogħol kien qiegħed jitla` għal Lm 4,860 fis-sena li jfisser li kienu jiġu ntitolati għal pensjoni ta' Lm 3,260 fis-sena wara li jkunu bdew iħallsu bolla ta' Lm 14.40c0 fil-ġimgħa (Pace, 1997 p.19).

| **Sena: 2002** | **Numru ta' impjegati/jew dawk li jaħdmu għal rashom** | **Kontribuzzjonijiet** | **Kontribuzzjoni ras għal ras (fis-sena)** | **Aġġustament għal fini ta' tqabbil** |
|---|---|---|---|---|
| **Impjegati** | 127,427 | 54,200,485 | Lm 425.35c0 | Lm 425.35c0 |
| **Jaħdmu għal rashom** | 21,539 | 12,388,651 | Lm 575.17c0 | Lm 383.45c0 |

***Tabella Nru. 7: Figuri meħuda mill-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika u l-White Paper p.45***

Jekk wieħed janalizza bir-reqqa Tabella Numru 7 jirrealizza li għalkemm ras għal ras n-nies li jaħdmu għal rashom qegħdin jikkontribwixxu aktar mill-impjegati, fir-realta kieku wieħed kellu jaġġusta r-rata ta' 15 % għal 10 % sabiex tiġi daqs ta' l-impjegati jirrealizza li l-kontribuzzjoni tinżel għal Lm 383.45c0 fis-sena. Dan ifisser li d-dħul li qegħdin jiddikjaraw dawk li jaħdmu għal rashom, ras għal ras, hu inqas minn ta' l-impjegati.

Dan kollu jkompli jikkonferma li jkun inġust u mhux korrett jekk nħarsu lejn is-sistema taż-żewg terzi bħala abbużata u mminata mil-faxex kollha tal-ħaddiema. Irridu nagħmlu

distinzjoni bejn ħaddiema li ma għandhom l-ebda spazju biex jevadu l-ħlasijiet u ħaddiema għal rashom li kważi ma għandhom l-ebda mekkaniżmu strett fuqhom sabiex jiġi żgurat li wkoll iħallsu l-parti tagħhom. Fir-realta` il-pensjoni taż-żewg terzi li tinħadem fuq l-aħjar tliet snin ta' l-aħħar għaxar snin hija waħda li tirrifletti l-livell ta' għixien fil-perjodu ta' meta ikun ser iseħħ l-irtirar.

F'dan il-kuntest, il-Gvern mhux biss irid jara li t-*Tax Compliance Unit* jilħaq l-għanijiet tiegħu, xi ħaġa li s'issa ma rnexxielux jagħmilha, imma li jniedi sistema viġilanti ta' *benchmarking* kemm għas-*self employed* kif ukoll għall-professjonisti.

### 4.5.2. Pensjoni ta' l-invalidita`

L-ispiża totali tal-pensjonijiet ta' l-invalidita ma għandiex tiġi njorata l-aktar meta wieħed jikkunsidra li fis-sena 2002 din ammontat għal ħmistax fil-mija (15 %) tal-ispiża kollha fil-pensjonijiet (*white paper*, 2004 p.71). Il-figura ta' Lm 12 –il miljun turi laxkezza kbira min-naħa tal-Gvern fid-dmir tiegħu li jikkontrolla l-abbuż. In-numru ta' kważi 8,000 persuna li jirċievu din il-pensjoni huwa esaġerat u għandhom jittieħdu l-azzjonijiet kollha neċessarji sabiex jiġi mnaqqas.

Aktar minn hekk, f'numru konsiderevoli ta' każijiet fejn il-ħaddiem għal xi raġuni ma jkunx jiflaħ aktar għax-xogħol li jkun qed jagħmel, l-aktar f'każ fejn ix-xogħol jirrikjedi strapazz, mhux qed isir sforz biżżejjed sabiex l-istess ħaddiem jingħatalu xogħol ta' natura differenti, biex jibqa` attiv fid-dinja tax-xogħol. Fil-mument l-unika soluzzjoni qed tkun li mmorru mill-ewwel għall-pensjoni ta' l-invalidita`. Soluzzjoni bħal din minn naħa qed tnaqqas n-numru ta' kontributuri u minn naħa ohra qed iżżid bil-kbir n-numru ta' ċittadini dipendenti fuq pensjoni. Għalhekk aħna qed nipproponu li f'dawn il-każijiet il-*policy* għandha tkun dik ta' ***job matching***.

## 4.6. Il-Hames Pass: L-eta` ta' l-irtirar

L-idea li ngħollu l-eta` ta' l-irtirar minn 61 sena (60 sena fil-każ tan-nisa) għal 65 sena ma treġix għaliex ikun żball kardinali jekk npoġġu f'keffa waħda l-ħaddiema kollha ċioe' mingħajr ma nagħmlu distinzjoni bejn it-tipi u n-natura differenti tax-xogħol li jagħmlu. Huwa fatt li għandu jikkunsidrah kulħadd, li l-enerġija fiżika meħtieġa għal ċertu xogħol manwali hija bil-wisq akbar minn dik meħtieġa f'xogħol klerikali. Għalkemm nistgħu ukoll niltaqgħu ma' każi fejn xogħol "tal-pinna" jista' jkun stressanti daqs kemm ikun ta' strapazz ċertu xogħol li jsir minn ħaddiema manwali. Għaldaqstant l-idea li ngħollu l-eta` ta' l-irtirar għal 65 sena għal kulħadd hija mhux biss diskriminatorja fil-konfront ta' ħaddiema manwali, bħal per eżempju dawk il-ħaddiema kollha li jaħdmu fil-ġebel jew f'*production lines,* u oħrajn*,* imma wkoll tista` tkun detrimentali għal saħħithom.

Għalhekk aħna qed nipproponu dan li ġej:

(i) L-eta` ta` l-irtirar għandha tibqa ta' 61 sena u mhux tiġi mandatorja sa 65 sena.

(ii) Għandha tkun għażla purament volontarja, għal min irid jibqa` jaħdem wara l-eta ta' l-irtirar.

(iii) Il-gvern għandu jintroduċi miżuri u benefiċċji fiskali li jaġevolaw lil min irid jibqa` attiv. L-idea li persuni 'l fuq minn 61 sena ikollhom:

- *income tax brackets* differenti
- rati preferenzjali f'servizzi bażiċi bħal dawl u ilma
- żieda` ta' 3 % fuq il-pensjoni għal kull sena li jaħdmu 'l fuq minn 61 sena.

għandhom iħajru ħaddiema mhux biss biex jibqgħu jaħdmu sa 65 sena imma fuq numru iktar wiesa` ta' snin[2].

[2] F'sitwazzjoni fejn il-finanzi tal-pajjiż għadhom f'qagħda delikata, inkunu qed nippretendu wisq jekk nistennew li l-Gvern jattwa l-miżuri kollha immedjatament. Madankollu l-Gvern għandu jikkunsidra bis-serjeta` l-ideat u l-għażliet kollha li jwasslu għal żieda sostanzjali fid-dħul u jattwahom fuq medda ta' żmien.

## 4.7. Is-sitt pass: Is-sistema tal-pensjonijiet

### 4.7.1. L-Ewwel u t-Tieni Pilastru: "Għin lilek innifsek jekk tiflaħ" u "Għin lill-Istat skond kemm tiflaħ" biex "L-Istat jgħin lil min ma jiflaħx"

Il-punt tat-tluq fir-riforma fis-sistema tal-pensjonijiet hu li rridu nżommu quddiem għajnejna l-problemi soċjali u ekonomiċi ta` faxxa kbira ta' ċittadini. Għalkemm il-prinċipju ta' "għin lilek innifsek" jidher attraenti, f'era fejn l-istat qiegħed jigi mpinġi bħala limitat f'kull *policy area*, fil-verita` jekk iċ-ċittadin ma għandux biex jgħin lilu nnifsu, kif diġa rajna f'dan id-dokument, allura dan il-prinċipju ma jistax jitħaddem.

X'ħa jagħmlu dawk –il 15 % tal-popolazzjoni li qegħdin taħt il-linja tal-faqar? X'ħa jagħmlu nofs s-*single parents* li wkoll qegħdin taħt it-theddida tal-faqar? X'ħa jagħmlu l-maġġoranza taċ-ċittadini li ma għandhomx minnfejn iħallsu l-kontribuzzjoni tat-tieni pilastru peress li qed iġemmgħu rata` ta' Lm 1.30c0 għal kull Lm 100 li qed jaqgħilu?

Għalhekk, aħna naqblu li:

> .............l-forza strateġika bażika tal-pensjoni PAYG (jew l-Ewwel Pilastru) għandha tkun li **tiggarantixxi livell ta' għajxien diċenti minimu sabiex jipprevjeni l-esklużjoni soċjali (white paper, 2004 p.53).**

Dan il-punt kardinali għandu jkun sostnut f'kull fażi tar-riforma fil-pensjonijiet għaliex jekk ma jsirx dan inkunu qegħdin mhux nimxu pass 'l quddiem imma mmorru lura ghal żminijiet fejn l-**faqar assolut** jibda jerġa jgħolli rasu u l-**faqar relattiv** ikompli jizdied sostanzjalment.

Ikun ifisser ukoll li nkunu qed naqgħu fin-nasba li npoġġu lil kulħadd fl-istess keffa, daqs li kieku kulħadd huwa ta' l-istess portata finanzjarja, fatt li hu għal kollox mxejjen mill-istatistika tal-Gvern innifsu.

Fil-fatt, il-*white paper*, bil-proposta ta' pensjoni tat-Tieni Pilastru **mandatorja**, jew kif inhi magħrufa ahjar bħala l-Pensjoni tax-Xogħol, telqet minn punt tat-tluq għal kollox fallibli għaliex qiegħdha tikkonsidra li kulħadd hu b'saħħtu finanzjarjament biex jassumi parti mir-responsabilita` tal-pensjoni. Bi skema ta' pensjoni marbuta fuq żewg pilastri mandatorji, awtomatikament ifisser li jekk il-kontributur ma jħallasx il-kontribuzzjonijiet taż-żewġ pilastri ma jkunx jista` jżomm il-livell ta' għixien (white paper, 2004 p.54).

Pjan ta' azzjoni bħal dan hu perikoluż ekonomikament u soċjalment mhux biss mill-lenti tal-GWU imma anke wkoll mill-*punto di vista* tal-Gvern. Sistema tat-Tieni Pilastru mandatorja tfisser li mhux biss il-Gvern ħa jkompli jgħakkes 'l isfel ċ-ċittadini l-aktar batuti imma ħa jitfa` lil dawk il-faxex ta' ħaddiema li qegħdin jilgħabuha mal-linja tal-faqar, fil-faqar relattiv. Dan hu ta' ħsara kbira kemm għal pajjiżna.

Aktar minn hekk, f'sistema fejn l-iskemi u l-kontribuzzjonijiet tat-Tieni Pilastru ma humiex definiti, il-biża` li l-klassijiet ikomplu jigu stimulati jikber, l-aktar fix-xenarju tas-suq tax-xogħol modern fejn issib differenzi kbar fis-saħħa finanzjarja ta' min iħaddem. Hu mill-aktar inġust li għax organizzazjonijiet b'saħħithom jifilħu iħallsu kontribuzzjonijiet ħafna aktar minn *self-employed* żgħar, allura l-ħaddiema jispiċċaw jaqilgħu pensjonijiet differenti anke` jekk huma stess kienu qegħdin iħallsu l-istess kontribuzzjonijiet.

F'xenarju bħal dan, fejn ir-regolamentazzjoni hija fjakka, is-suq jipprevali u l-klassijiet jkomplu jissaħħu, fattur li jmur għal kollox kontra l-ispirtu tal-*welfare* u ġustizzja soċjali.

F'dan il-kuntest ma nistgħux naqblu ma' sistema ta' żewg pilastri mandatorji. Mill-banda l-oħra l-principju ta' "għin lilek innifsek" jekk jissejjaħ **"għin lilek innifsek jekk tiflaħ"** u **"għin lill-istat skond kemm tiflaħ"** ikun ħafna aktar jappella għas-sitwazzjoni reali preżenti.

Għaldaqstant bil-prinċipji ta` **"għin lilek innifsek jekk tiflaħ"** u **"għin lill-istat skond kemm tiflaħ"** biex **"L-Istat jgħin lil min ma jiflaħx"**jiggwidawna, aħna qed nipproponu li s-sistema ta' kontribuzzjoni fl-**Ewwel Pilastru** għandha tinbidel. Għandu jinbidel l-kunċett ta' kif għandha titħallas l-bolla. Kif muri hawn taħt, f'Tabella Numru 8, fil-kontribuzzjonijiet ta' l-ewwel klassi, min jaqla Lm 131.56c0 u aktar fil-ġimgħa qiegħed iħallas l-istess rata ta' kontribuzzjoni bħal min qed jaqla Lm 55.64c0. Fil-kontribuzzjonijiet tat-tieni klassi (Tabella Numru 9) insibu l-istess fenomenu. Min jaħdem għal rasu, dak li jaqla` Lm 6,841 u aktar qiegħed iħallas l-istess rata ta' kontribuzzjoni bħal dak li jaqla Lm 3,419.

Dan ifisser, li taqla` kemm taqla`, għall-kuntrarju tal-*Income Tax*, qiegħed tħallas l-istess rata. Ifisser ukoll li din is-sistema tmur kontra l-ispirtu tal-ġustizzja soċjali u s-solidarjeta`.

Għaldaqstant kif muri fit-tabelli emendati għandu jkun hemm rati differenzjali skond d-dħul kemm għas-*self employed*, kif ukoll għall-impjegati u dan għas-snin 2006-2009[3]. Dan kollu meta ikkombinat ma` rieda qawwija mill-Gvern sabiex jnaqqas bil-kbir l-evażjoni tat-taxxa u l-ekonomija moħbija għandu jgħin sabiex il-Gvern ikollu żieda qawwija mid-dħul tal-bolla.

B'dak li qed tipproponi l-GWU il-piż ikun qed jintrefa fuq min jiflaħ l-aktar u mhux fuq kulħadd kif ipproponiet l-*white paper* bil-proposta ta' Pensjoni tat-Tieni Pilastru Mandatorja.

[3] Wara s-sena 2009 l-Gvern, għandu jagħmel analiżi tas-sistema mplimentata. Kull miżura proposta għandha tkun segwita u emendata biex tissaħħaħ wara l-esperjenza tal-implimentazzjoni.

**Kontribuzzjonijiet: "L-Ewwel Klassi"**

| Sena 2005 | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Kategorija** | **Paga Bażika *minn*** | **Paga Bażika *sa*** | **Kontribuzzjoni Impjegat** | **Kontribuzzjoni Min Iħaddem** | **Total (Lm)** |
| A (Persuni taħt it-18 –il sena | 0.00 | 55.63 | 2.84 | 2.84 | 5.68 |
| B (Persuni minn 18 –il sena '1 fuq) | 0.00 | 55.63 | 5.56 | 5.56 | 11.12 |
| C | 55.64 | 131.55 | 10 % | 10 % | N/A |
| D | 131.56 | N/A | 13.16 | 13.16 | 26.32 |

***Tabella Nru. 8: Meħuda mill-website tal-Gvern ta' Malta, Dipartiment tat-Taxxi Nterni*** **(http://www.gov.mt/frame.asp?l=1&url=http:www.ird.gov.mt/services/ssc/class1rates.asp)**

**Kontribuzzjonijiet: "It-Tieni Klassi"**

| Sena 2005 | | | |
|---|---|---|---|
| **Kategorija** | **Qliegħ *minn*** | **Qliegħ *sa*** | **Rata ta' kontribuzzjoni fil-ġimgħa (Lm)** |
| SA | 0 | 3,418 | 9.86 |
| SB | 3,419 | 6,840 | 15 % |
| SC | 6,841 | N/A | 19.73 |
| SP | 431 | 2,791 | 8.05 |

***Tabella Nru. 9: Mehuda mill-website tal-Gvern ta' Malta, Dipartiment tat-Taxxi Nterni*** **(http://www.gov.mt/frame.asp?l=1&url=http:www.ird.gov.mt/services/ssc/class2rates.asp)**

## Kontribuzzjonijiet: "L-Ewwel Klassi": Emendati

| Kategorija | Paga Bażika *minn* | Paga Bażika *sa* | Kontribuzzjoni Impjegat | Kontribuzzjoni Min Iħaddem | Total (Lm) |
|---|---|---|---|---|---|
| **A** | 0 | 4,999 | 10 % | 10 % | N/A |
| **B** | 5,000 | 5,999 | 11 % | 11 % | N/A |
| **C** | 6,000 | 6,999 | 12 % | 12 % | N/A |
| **D** | 7,000 | 7,999 | 13 % | 13 % | N/A |
| **E** | 8,000 | 8,999 | 14 % | 14 % | N/A |
| **F** | 9,000 | N/A | 15 % | 15 % | N/A |

***Tabella Nru. 10***

***N.B.: Ir-rata ta' kontribuzzjoni sa Lm4,999 tkun ta' 10 %. Din tgħola gradwalment mad-differenza fil-qliegħ. Dan ifisser li sa Lm 4,999 l-impjegati kollha ħa jħallsu bir-rata ta' 10 %.***

## Kontribuzzjonijiet: "It-Tieni Klassi": Emendati

| Kategorija | Qliegħ *minn* | Qliegħ *sa* | Rata ta' kontribuzzjoni fil-ġimgħa (Lm) |
|---|---|---|---|
| SA | 0 | 3,418 | 9.86 |
| SB | 3,419 | 5,999 | 15 % |
| SC | 6,000 | 6,999 | 16 % |
| SD | 7,000 | 7,999 | 17 % |
| SE | 8,000 | 8,999 | 18 % |
| SF | 9,000 | 9,999 | 19 % |
| SG | 10,000 | N/A | 20 % |
| SP | 431 | 2,791 | 8.05 |

***Tabella Nru. 11***

***N.B.: Ir-rata ta' kontribuzzjoni sa Lm5,999 tkun ta' 15 %. Din tgħola gradwalment mad-differenza fil-qliegħ. Dan ifisser li sa Lm 5,999 s-self employed kollha ħa jħallsu bir-rata ta' 15 %.***

Qegħdin nipproponu wkoll li l-pensjoni tat-**Tieni Pilastru** ma tkunx mandatorja imma volontarja, kemm għall-*employer* kif ukoll għall-impjegati u dan għar-raġuni kardinali li faxxa konsiderevoli ta` ċittadini ma jifilħux għal kontribuzzjoni addizzjonali.

Mill-banda l-oħra biex inħeġġu numru konsiderevoli ta ċittadini u *employers* biex jagħżlu volontarjament Pensjoni tat-Tieni Pilastru, il-kontribuzzjonijiet li jagħmlu jiġu mnaqqsa għal fini ta` taxxa.

Il-kontribuzzjonijiet kollha, kemm tal-*employers* kif ukoll tal-ħaddiema jmorru ġo l-istess fond li għandu jkun immaniġġjat mill-Gvern, Unions u Employers. Il-fatt li jkollna kont wieħed unit, nazzjonali għandu jgħin sabiex l-kontribuzzjonijiet kollha miġbura flimkien ikunu **nvestiti** u minnhom nfushom jiġġeneraw aktar flus.

## 4.8. <u>Is-seba` pass:</u> Kont *'ring fenced'* tal-Pensjonijiet

L-idea ta' kont *ring fenced* kif suġġerit mill-*white paper* huwa benefiċjali ħafna (p.78). Il-fatt li l-Gvern qiegħed jiffinanzja parti min-nefqa tal-pensjonijiet minn fondi oħra, ħallata ballata, kien qiegħed jagħti messaġġi ħżiena. Fil-fatt ħafna ċittadini draw bl-idea li billi jevadu t-taxxa u l-bolla ma jimpurtax għax il-Gvern jiffinanzja minn x'imkien ieħor.

Għalhekk b'fond apposta għall-pensjonijiet, il-perċezzjoni tac-ċittadini tibda` tkun li dan hu fond li rridu nibżgħu għalih għax inkella l-anzjani tal-lum u ta` għada ma jkollhomx minnfejn jieħdu pensjoni xierqa. B'hekk nibdew indaħħlu l-**moralita` fiskali** fl-imħuħ taċ-ċittadini.

F'dan il-kuntest nissuġġerixxu li parti minn dan il-fond jiġi nvestit ħalli wara numru ta' snin jibda` jiġġenera l-qliegħ u allura jkun qed jirrendi aktar.

Ukoll aħna naqblu li persentaġġ mill-kontribuzzjoni tmur għal fond speċifiku tas-saħħa. Ir-rata ta' kontribuzzjoni għas-saħħa għandha tinħadem skond l-ispiża tas-saħħa meta

kkomparata mal-ispiża totali għas-sigurta soċjali. Jekk wieħed jieħu l-figuri tal-2003, jirrealizza li l-ispiża tas-saħħa ammontat għal 35 % tal-ispiża totali fis-sigurta` soċjali. Fil-fatt minn spiża globali ta' Lm 253 miljun, kważi Lm 89 miljun marru għall-ispejjeż tas-saħħa (*white paper*, 2004 p.44).

## 4.9. <u>It-tmien pass:</u> Pensjoni li tirrifletti l-livell tas-salarji u l-inflazzjoni

> Il-medji tal-UE tas-segmenti ta' l-etajiet minn 50 sa 64 u ta` 65 u aktar li nstabu li qegħdin viċin ir-riskju tal-faqar hi ta` 14 % u 20 % rispettivament; il-pożizzjoni ta' Malta hi f'dawn il-medji (White Paper, 2004 p.53).

Dawn ir-rati ta' faqar jikkonfermaw li s-sistema tal-COLA, jiġifieri iż-żieda ta' Lm 1.75c0 fis-sena, mhix qed tkun biżżejjed sabiex l-anzjani tal-lum u ta' għada jgħixu ħajja diċenti. Fi żminijiet fejn l-inflazzjoni qiegħdha tlaħħaq livelli ta' aktar minn 2.5 %, iż-żieda tal-Lm 1.75c0 mhix qed tkun suffiċjenti. Għalhekk il-proposta tal-*white paper* li l-pensjoni għandha tkun indiċjata u tgħola skond r-rata ta` inflazzjoni hi waħda pożittiva. Pero', biex niżguraw livell ta' għajxien sodisfaċenti (wieħed mill-għanijiet prinċipali tal-*white paper*) hemm bżonn li

(i) Kull żieda li tingħata tkun l-istess għal kulħadd.
(i) Iż-żidiet fil-pensjonijiet jkunu jirriflettu l-istess żidiet li jkunu seħħu fis-salarji. Dan l-eżerċizzju għandu jsir kull sena.

## 4.10. <u>Id-disa` pass:</u> Tneħħija tas-*'ceiling'*

L-idea li nagħmlu massimu stabbilit ta' salarju minfejn tinħadem il-pensjoni hija waħda kontradittorja u mingħajr logika. Il-massimu ta' Lm6,750, mhux mibdul mill-1987 'l hawn, mhux biss jekk jibqa` fis-seħħ mhux ser jagħmel sens fil-futur minħabba li l-valur tal-flus jonqos fuq medda ta' żmien, imma wkoll jagħti sinjali ta' evażjoni u abbuż lil dawk il-faxex tal-ħaddiema jew *self employed* li jaqilgħu aktar minn dan l-ammont.

Minghajr dubju din hi waħda mir-raġunijiet kardinali li qiegħdha timblokka ż-żieda fid-dħul tal-Gvern mill-bolla. Kif wieħed jista` jigi nkoraġġit iħallas aktar jekk ma' għandux ċans jirċievi aktar minn ammont stabbilit?

Dan il-prinċipju huwa kontradittorju għaliex imur kontra l-idea ta' 'għin lilek innifsek' suġġerit fil-*white paper* tal-Gvern stess. Barra minn hekk it-tneħħija tas-*ceiling* jgħin ukoll biex ma jibqgħux jiġu iġġenerati anomaliji fis-sistema tal-pensjoni kif għadna nesperjenzaw illum bis-sistema preżenti.

### 4.11. L-għaxar pass: Akkumulazzjoni ta' 35 sena

Fil-prinċipju l-idea li l-pensjoni tinħadem fuq bażi ta' 40 sena milli fuq 30 sena jagħmel sens f'kuntest fejn rridu nwessgħu l-bażi ta' kontribuzzjoni. Madankollu la darba fil-proposta tagħna aħna qegħdin nirrakkomandaw li l-eta tal-pensjoni ma għandiex tgħola għal 65 sena b'mod mandatorju, qegħdin nipproponu li l-bażi ta' kontribuzzjoni għandha tkun mhux anqas minn 35 sena.

Pero`, mill-banda l-oħra, l-formula li nikkunsidraw l-aħjar tliet snin konsekuttivi ta' l-aħjar għaxar snin (*white paper*, 2004 p.92) mhix loġika meta` wieħed jikkunsidra li ħafna mis-salarji tal-ħaddiema jvarjaw skond il-*performance* tal-organizzazzjoni li jaħdmu magħha. F'dinja kompetittiva għall-aħħar hu ferm diffiċċli biex iżżomm livell ta' salarju għal tliet snin konsekuttivi għax l-andament ta' ħafna kumpaniji u *self employed* jvarja ħafna minn sena ghal sena.

Għaldaqstant s-sistema kif nafuha llum, dik li **naħdmu l-pensjoni fuq l-aħjar tliet snin ta' l-aħħar għaxar** snin hi aktar loġika u ġusta lejn il-kontributur.

## 5. Konklużjoni

Huwa ċar daqs il-kristall, li fil-mument ċ-ċittadini ma jifilħux għal aktar piż finanzjarju. Għalhekk l-ewwel passi lejn riforma maħsuba u b'saħħitha jridu jkunu dawk li jsaħħu l-ġid individwali taċ-ċittadini. Mingħajr dawn il-passi r-riforma fil-pensjonijiet ser tkompli titfa` aktar ċittadini f'riskju ta' faqar, xi ħaġa li ma għandha tkun mixtieqa minn ħadd.

Għalhekk ir-riforma fil-pensjonijiet, f'dan l-istadju, għandha timxi lejn passi volontarji u mhux mandatorji speċjalment fl-introduzzjoni ta' pensjonijiet tax-xogħol u pensjonijiet privati. Dan jassigura li verament min jiflaħ l-aktar sejjer iġorr l-piż.

## Referenzi:

Camilleri R., 1998, *Averting the Pensions Crisis- the Case of Malta*, Rapport ta` kumitat maħtur mill-MCESD.

Central Bank of Malta Annual Report, 1997.

Central Bank of Malta Annual Report, 2002.

National Statistics Office, *Poverty and Social Inequality*, 9th June 2003, News Release.

National Statistics Office, *Benchmarking Malta in Europe*, 2004.

National Statistics Office, *Projected Maltese Population 2004-2050 Report*, October 2004.

Pace, C., 29 ta' Ottubru 1997, *Of stipends and welfare*, The Times.

*Pensjonijiet: Adekwati u Sostenibbli*, White Paper, Novembru 2004.

*Twemmin tal-General Workers` Union*, Settembru 2001, Union Print Co. Ltd.